# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Ottubru, 2020**

**Numru 12**

**Rikors Numru 240/20TA**

**Enemalta Plc (C65836)**

**vs**

**Roberto 16 Pte Ltd ta' Singapore, sid il-bastiment Di Matteo numru IMO9426451 kif debitament rappresentata minn Dr. Abigail Bugeja li b'digriet tas-27 ta' Mejju 2020 ġiet konfermata bħala kuratriċi deputata sabiex tirrappreżenta lis-soċjeta' konvenuta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' konvenuta tal-14 ta' Lulju 2020;

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Attriċi tat-28 ta' Lulju 2020;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Lulju 2020 li ser tipprovdi dwar l-istess fl-udjenza;

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020 l-Avukat Henri Mizzi għas-Soċjeta' Attriċi talab li jiġi ammess iressaq bħala xhieda lil dawk il-persuni indikati f'paragrafu 2(d) fin-nota tagħha tas-26 ta' Ġunju 2020 u ċioe' lill-Prim Imħallef Emeritus Joseph Said Pullicino, Dr. Ivan Vella u Dr. Anne Fenech;

Rat l-atti kollha tal-Kawża;

Rat li it-talbiet tal-partijiet tħallew għad-digriet fil-miftuħ għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti ser tkun qed titratta t-talbiet rispettivi fuq imsemmija tal-partijiet f'digriet wieħed u ċioe' dak odjern.

Permezz tar-rikors tal-14 ta' Ġunju 2020, is-Soċjeta' konvenuta qegħda titlob li l-Prim Imħallef Emeritus Joseph Said Pullicino, Dr. Ivan Vella u Dr. Anne Fenech li ġew indikati f'paragrafu 2(d) fin-nota tas-Soċjeta' Attriċi tas-6 ta' Ġunju 2020 (a' fol 51) ma jitħallewx jiġu prodotti bħala xhieda peress li ma humiex indikati fil-lista' tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 156(7) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-Soċjeta' Attriċi twieġeb, li l-ħtieġa tax-xhieda ta' dawn il-persuni inqalgħet wara li ġiet presentata il-Kawża fit-13 ta' Marzu 2020. Is-Soċjeta' Attriċi tkompli tgħid, li l-ħtieġa ta' dawn ix-xhieda inqalgħet fil-kors ta' proċeduri quddiem il-Qorti ta' Singapore fl-1 ta' Ġunju 2020 meta ġie presentat

affidavit tal-avukat Louis Cassar Pullicino fejn tqanqlet l-ewwel darba l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.

Tlett ijiem wara, is-Soċjeta' Konvenuta presentat l-eċċezzjonijiet tagħha u permezz tagħha tassew tqanqlet il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Jidher ukoll li skont il-lista tax-xhieda tas-Soċjeta` konvenuta f'para 10 ġew indikati rappresentanti tal-Maritime & Port Authority ta' Singapore sabiex jixhdu dwar kwalunkwe investigazzjoni li qed jagħmlu u f'paragrafu 11 ġew indikati esperti barranin biex jixhdu dwar il-*forum conveniens* (ara a' fol 22 u 23).

Artikolu 156(7) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi dan li ġej: "Ir-*reġistratur ma għandu jirċievi ebda rikors ġuramentat li ma jissodisfax l-elementi tas-subartikolu (1) u l-qorti ma għandha tħalli lil ebda xhud jinġieb sakemm dan ma jkollux ismu mniżżel flimkien mar-rikors. Meta l-ħtieġa għall-produzzjoni ta' xhud tinqala' wara li jkun ġie ippreżentat ir-rikors ġuramentat, jew meta parti kuntrarja tagħti l-kunsens tagħha bil-mod kif jingħad fl-artikolu 150(1)(ċ), jew jekk il-qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-ġustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-qorti tista' tħalli lil dak ix-xhud jinstama' ".*

Il-Qorti tħoss, li l-ħtieġa u l-bżonn tax-xhieda inkwistjoni nqalgħet wara li ġiet presentata l-kawża, għalhekk l-ammissjoni tagħhom hija fiċ-ċirkostanzi ammissibbli. Dan huwa ukoll avvalat mill-fatt, li b'konsegwenza tal-proċeduri f'Singapore u fid-dawl tal-eċċezzjoni mogħtija dwar

ġurisdizzjoni, ġew indikati xhieda mis-Soċjeta' konvenuta propju fuq dan il-punt, meta s-Soċjeta' Attriċi, fil-mument tal-presentata tar-rikors ġuramentat, ben xahrejn u nofs qabel l-1 ta' Ġunju 2020 (il-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Singapore), ma setgħetx tkun taf li ser ikollha l-ħtieġa ta' dawn ix-xhieda. Tajjeb li jiġi osservat li l-liġi tesiġi l-ħtieġa ta' xhud u mhux l-identita' preċiża tiegħu.

Dwar l-ilment li Dr. Anne Fenech kienet presenti waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2020, huwa minnu li ma kienx verbalizzat li kienet presenti meta filwaqt kienet. Pero' f'dik is-seduta ma intqal xejn li jista' jiswa ta' preġudizzju bil-fatt li kienet presenti, ħlief li l-partijiet qablu li qabel kollox għandha tiġi deċiża l-ewwel eċċezzjoni. F'dik is-seduta la instemgħet xhieda u lanqas ġew trattati punti ta' sostanza partikulari. Huwa għalhekk li artiklu 591 tal-Kap 12 iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddispensa mir-regola ġenerali. Il-fatt li ma għandu jkun hemm preġudizzju hija fiha nnifisha raġuni valida għalfejn ix-xhud għandha titħalla tixhed meta 'l quddiem tiġi prodotta jekk ikun il-każ.

Fir-**Rik. Nru. 1120/13JRM fl-ismijiet Inna Said vs Massimo Bonello, Albert Sammut u *Motor Insurance Pool* ġja' *Motor Omnibus Pool*** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

*"Illi xhud jitħalla jixhed jekk kemm-il darba jkun persuna minn fost dawk imsemmija fid-dikjarazzjoni mehmuża mal-att li bih il-parti tressaq il-każ*

*tagħha, sakemm ma jkunx hemm raġuni tajba biex xhud mhux dikjarat jitħalla wkoll jagħti x-xhieda tiegħu ukoll kif issemmi l-liġi.”.*

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi tesisti raġuni tajba għalfejn għandha tintlaqa’ it-talba tas-Soċjeta’ Attriċi li tipproduċi lill-Prim Imħallef Emeritus Joseph Said Pulicino, Dr. Ivan Vella u lil Dr. Anne Fenech.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qegħdha tiċħad it-talbiet tas-Soċjeta’ konvenuta magħmula fir-rikors tagħha tal-14 ta’ Lulju 2020 u tilqa’ t-talba tas-Soċjeta’ Attriċi magħmula fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2020 u tippermetti li jiżdiedu mal-lista tax-xhieda tas-Soċjeta’ Attriċi l-persuni imsemmija f’paragrafu 2(d) tan-nota tas-26 ta’ Ġunju 2020 (a’ fol 51).

Spejjeż riservati għal mas-sentenza finali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**